MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G MANGION

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 230/2012

Kawza fil-lista: 34

**A C f'isimha propju u in rapprezentanza tal-minuri B C D u dan permezz tad-digriet datat 22 ta' Ottubru 2012 u E F**
**vs**
**G H D u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti**
**Preambolu**
Rat ir-rikors guramentat, ipprezentat mill-atturi fl-10 ta' Ottubru, 2012 li permezz tieghu ippremettew u talbu s-segwenti:-

1. Illi l-attrici kienet mizzewga lill-konvenut G H D u ilha separata de facto minn ma' zewgha ghal diversi snin u inoltre hija qeda fi proceduri ta' separazzjoni personali minn mal-konvenut G H D quddiem din l-Onorabbli Qorti liema proceduri qieghdin fil-fazi finali taghhom;

2. Illi minn relazzjoni li l-attrici kellha mal-attur l-iehor E F twieldet tarbija, il-minuri B C D fl-1 ta' Dicembru 2010;
3. Illi ghalkemm il-minuri msemmija hija wild naturali tal-attur E F, fuq ic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija tarbija bin-numru ta' iskrizzjoni 3845/2010 gie registrat il-konvenut G H D bhala l-missier naturali tal-minuri;
4. Illi ghalhekk jehtieg li jsiru l-emendi necessarji fic-certifikat tat-twelid tal-minuri B C D, li ghandu numru ta' iskrizzjoni 3845/2010;
5. Illi permezz ta' digriet datat 1 ta Gunju 2012 din il-Qorti awtorizzat lill-atturi rikorrent sabiex jipprocedu u jibdew kawza ghal dikjarazzjoni ta' paternita u dan ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
Ghaldaqstant talbu li l-Qorti:-
1. Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li l-minuri B C D mhix il-wild naturali tal-konvenut G H D;
2. Tiddikjara illi l-minuri B C D hija il-wild naturali tal-attur E F
3. Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fic-certifikat tat-twelid tal-minuri B C D li huwa iskritt bin-numru 3845/2010 fil-kolonna fejn hemm indikat "missier it-tarbija" u fil-prezent jindika "G H D" jigu inseriti l-konnotati tal-attur rikorrenti E F, u cioe isem u kunjom l-attur rikorrenti, il-professjoni jew sengha tieghu, l-eta', post tat-twelid u residenza tal-attur rikorrenti kif ukoll isem u kunjom il-missier l-attur rikorrenti, u jekk huwiex haj jew mejjet u jekk ikun opportun f'kull att iehor relattiv u sussegwenti.
Bl-ispejjes kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni.
Rat il-lista tax-xhieda tal-attur u l-elenku tad-dokumenti;
Rat id-digriet taghha[1] datat 22 ta' Ottubru, 2012 fejn innominat lil A C bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri B C D;
Rat ir-risposta guramentata[2] tad-Direttur Tar-Registru Pubbliku li permezz taghha qed jilqa' ghall-azzjoni attrici bil-mod segwenti u jissottometti:
1. Illi preliminarjament jigi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita' tal-minuri B C D, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirritmetti ruhu ghar-

[1] Folio 9
[2] Folio 13

rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi bla hsara ghal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti A C f'isimha proprju trid tipprova li fi-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twleid tal-minuri B C D, kellha relazzjoni extramaritali ma' E F u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista wkoll ikunu testijiet u provi genetici li jindikaw lil E F bhala l-missier naturali tal-imsemmija minuri B C D, u dan *ai termini* tal-Artikolu 77B tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta;

3. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghal premess, ir-rikorrenti trid fl-istess waqt teghleb il-presunzjoni legali maghluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvinentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri Raisa Camilleri ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha;

4. Illi bla hsara ghall-premess f'kaz li jintlaqghu l-ewwel zewg talbiet attrici l-esponent jinvita lill-attur E F sabiex permezz ta' nota jispecifika s-dettalja personali kollha tieghu, senjatament (1) l-eta' tieghu meta twieldet il-minuri B C D, (2) il-post tat-twelid tieghu, (3) il-posta tar-residenza tieghu meta twieled l-imsemmiha minuri, (4) isem u kunjom ta' missieru u (5) jekk l-imsemmi missier patern kienxghadu haj meta twieldet it-tifla B C D. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferitaB C D;

5. Illi subordinatament dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet *'the said'* li jinsabu qabel isem B H D, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-registrazzjoni 3845 tas-sena 2010;

6. Illi subordinatament dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, il-minuri B C D trid taghzel liema kunjom ha zzomm wara l-annotazzjonijiet rispettivi;

7. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew juqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri
Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.
Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur;
Rat ir-rapport mediku tad-DNA rilaxxjat mill Dr. Marisa Cassar[3] li irrizulta illi l-attur huwa effettivament missier il-minuri B;
Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-affidavits prezentati
Rat illi fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2013 il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.
Ikkunsidrat:

**L-Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici u l-attur qeghdin jitlobu minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla B C D li twieldet fl-1 ta' Dicembru 2010 u li fl-att tat-twieled taghha giet registrata bhala bint il-konvenut G H D hija fil-fatt bint l-attur E F.

**Provi**

Fix-xhieda taghha l-attrici A C[4] spjegat illi hija kienet izzewwget fil-21 ta' Mejju 2009 gewwa r-Registru Pubbliku ta' Olsea de Monserrat, Barcellona Spanja, liema zwieg gie registrat gewwa r-registru pubbliku ta' Malta fil 25 ta' Settembru 2005; fl-20 ta' Novembru 2009 kellhom tifla bl-isem Shanique C D u ftit xhur wara ssepparaw de facto u f'' Dicembru 2009 bdiet relazzjoni ma' E F. B'rizultat ta' din ir-relazzjoni, sena wara, twieldet tifla B fl-1 ta' Dicembru 2010 u u ghalkemm G H kien qata' kull kuntatt mal-attrici A C, giet registrata fl-att tac-certifikat tat-twelid 3845/2010 bhala bint G H D peress li ma kenitx ghadha legalment separata minnu. Meta giet ipprezentata l-kawza odjerna, l-proceduri tas-separazzjoni legali tal-konjugi D kienu fi stadju avvanzat. Mit-test xjentifiku irrizulta li t-tarbija kienet il-wild naturali tal-attur E F. Jirrizulta li l-attur E F minn qabel it-twelid tal-minuri accetta li l-wild hija tieghu. Jirrizulta wkoll illi sew l-attrici kif ukoll l-attur li jghixu flimkien qed irabbu lill-minuri bhala t-tifla komuni taghhom.

**Konsiderazzjonijiet**

---

[3] Folio 33
[4] affidavit ta' A C

Il-kawza giet intavolata fit-termini tal-**Artikolu 77A tal-Kapitolu 16** li jipprovdi illi;

*"kull min jghid li huwa l-missier naturali ta' tifel mwieled fiz-zwieg, jew il-werrieta tieghu, jekk huwa jkun miet qabel ma jitwieled it-tifel, jista jmexxi b'rikors guramentat quddiem il-Qorti kompetenti kontra l-mara, ir-ragel u t-tifel, jew il-werrieta rispettivi taghhom jekk xi hadd minnhom ikun mejjet, sabiex huwa jigi dikjarat bhala l-missier naturali tat-tifel u dan jekk kemm–il darba huwa jirnexxilu jipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel il-mara kienet wettqet adulterju mieghu u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jeskludu lir-ragel taghha bhala l-missier naturali tat-tifel."*

Peress li l-kawza giet ukoll intavolata mill-omm flimkien mal-pretiz missier, l-azzjoni attrici hija msejsa wkoll fuq l-artikolu **77B tal-Kapitolu 16** li jipprovdi illi:-

*'It-talba gudizzjarja ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan tista' wkoll tigi ezercitata mill-mara permezz ta' rikors guramentat quddiem il-Qorti kompetenti kontra r-ragel taghha, il-missier naturali u t-tifel taghha imwieled fiz-zwieg jekk kemm-il darba hija tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi ddikjarata bhala l-missier naturali tat-tifel u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.'*

u **Artikolu 77C** li jipprovdi:

*"F'kazijiet ta' dikjarazzjoni ta' paternita' il-persuna li tghid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiz-zwieg, jew il mara skont il-kaz, jistghu jipprocedu b'kawza ghal dikjarazzjoni ta' paternita jekk huma jressqu r-rikors guramentat taghhom fi zmien sitt xhur mit-twelid tat-tifel:*

*Izda l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tista' wara li jsir rikors mill-persuna li tghid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiz-zwieg jew mill-mara u, jekk ikun possibli wara lt tkun semghet lill-partijiet interessati kollha, u wara li tkun qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tat-tifel, f'kull zmien tawtorizza lill-persuna li tghid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiz-*

*zwieg jew lill-mara biex jibdew kawza ghal dikjarazzjoni ta' paternita kif imsemmi fl-artikoli 77A u 77B"*

Una volta l-azzjoni promossa mill-atturi hija intiza sabiex tbiddel radikalment il-kontenut ta' att tat-twelid l-Qorti hija fid-dover timxi b'kawtela kbira stante li l-akkoljiment ta' talba ghad-dikjarazzjoni ta' paternita twassal ghal krejazzjoni ta' qaghda guridika gidia ghall-minuri in sostituzzjoni ta' dik attwali.

**Eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur**

Fit-tieni eccezzjoni tieghu d-Direttur eccepixxa li l-attrici trid tipprova li fi-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri B C D, kellha relazzjoni extra-maritali ma' E F u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista wkoll ikunu testijiet u provi genetici li jindikaw lil E F bhala l-missier naturali tal-imsemmija minuri B C D, u dan *ai termini* tal-Artikolu 77B tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta. Dak li jitlob l-Artikolu 77B gie sodisfacentement ippruvat mix-xhieda sew tal-attrici kif ukoll tal-attur.

Fit-tielet eccezzjoni tieghu d-Direttur jeccepixxi illi biex jirnexxu fl-azzjoni taghhom l-atturi jehtieg iressqu provi sabiex tineghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap 16. Jirrizulta illi fiz-zmien li giet ikkoncepita il-minuri, l-attur u l-attrici kienu qeghdin jikkoabitaw u sallum ghadhom flimkien irabbu lill-minuri. Fil-fehma tal-Qorti gie adegwatament ippruvat illi l-pussess ta' stat tal-minuri ma jaqbilx mal-istat tat-twelid tieghu u ghalhekk l-atturi irnexxielhom jeghlbu l-presunzjoni mahluqa bid-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap. 16.

Fir-raba eccezzjoni tieghu id-Direttur jesigi li f'kaz ta' akkoljiment tat-talbiet attrici jehtieg li l-attur jipprovdi d-dettalji hemm elenkati, liema dover l-attur onorah bin-nota tieghu pprezentata fl-10 ta' Jannar 2013[5] fejn elenka l-konnotati tieghu.

Fis-seba eccezzjoni d-Direttur jeccepixxi illi fi kwalunkwe kaz huwa m'ghandux ibati spejjez ta' dawn il-proceduri stante li dak premess mill-attrici ma jimputax xi nuqqas fiq id-Direttur. Din l-eccezzjoni timmerita li tigi akkolta

Sabiex azzjoni imsejsa fuq l-artikoli 77A u 77B fuq citati tirnexxi jehtieg jigu sodisfatti is-segwenti rekwiziti:-

[5] Fol. 28

1. L-azzjoni promossa mill-mara u mill-missier naturali tigi istitwita kontra ir-ragel taghha u l-wild taghha.
2. Li l-mara tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi dikjarata bhala l-missier naturali tal-wild.
3. Tipprova anke b'testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.

Ghalkemm l-artikoli 77A u 77B fuq citati jistipulaw li f'kawzi ta' din ix-xorta il-minuri ghandu jkun konvenut, fil-kawza odjerna il-minuri kienet rapprezentata minn ommha l-attrici. Ma jirrizultax illi dan kien ta' pregudizzju ghad-drittijiet tal-minuri. Il-partecipazzjoni tal-minuri bhala attrici fil-kawza odjerna jaghmlu l-gudizzju integru.

Fil-mertu jirrizulta, sew mix-xhieda tal-atturi kif ukoll mix-xhieda ta’ Dr Marisa Cassar li kkonduciet it-testijiet tad-DNA[6], illi l-attur E F huwa l-missier biologiku tal-minuri B C D.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi, taqta u tiddeciedi l-kawza u tiddisponi mill-eccezzjonijiet imressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku billi:-

1. Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara li l-minuri B C D ma hiex il-wild naturali tal-konvenut G H D;
2. Tilqa’ t-tieni talba u tiddikjara li l-minuri B C D hi il-wild naturali tal-attur E F;
3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fic-certifikat tat-twelid tal-minuri B C D li jgib in-numru 3845/2010, isem il-konvenut G H D u l-konnotati kollha tieghu jigu kancellati u minflok jigu inseriti isem l-attur E F u l-konnotati kollha tieghu kif jinstabu fin-nota a fol. 28 tal-process; u jigu kancellati il-kliem “the said”.
4. L-atturi qed jinghataw zmien xahar millum sabiex b’nota guramentata pprezentata f’dawn l-atti u notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jiddikjaraw il-kunjom li bih il-minuri ghandha tkun maghrufa.

[6] Fol. 33

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------